**35/19**

**Il-ħamsa u tletin (35) laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, nhar il-18 ta' Frar, 2015 fis-6.30 ta' filgħaxija.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Stephen Sultana | - | Sindku |
| | Is-Sur Jonathan Brimmer | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Silvio Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Darren Carabott | - | Kunsillier |
| | Is-Sinj. Elizabeth Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Jason Mangani | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Horace Anastasi | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Michael Mifsud | - | Segretarju Eżekuttiv |
| **Assenti:** | Is-Sur Gianluca Degabriele | - | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |

**Aġenda:**

1. Talba
2. Qari w approvazzjoni tal-minuti
3. Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti
4. Korrispondenza
5. Skeda ta' pagamenti: Approvazzjoni
6. Ilmenti
7. Ordnijiet tal-ġurnata
    (a) Ċentru Ċiviku
    (b) Rendikont Finanzjarju
        I. Quarterly Report minn Ottubru 2014 sa Diċembru 2014
        II. Rapport Finanzjarju Annwali
8. Minuti ta' Kumitati / Sotto Kumitati
9. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
10. Aġġornament

Il-laqgħa bdiet fis-6.30 ta' filgħaxija.

Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Gianluca Degabriele, l-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ, li minħabba raġunijiet personali ma jistax jibqa' jżomm din il-kariga. Fid-dawl ta' dan kollu s-Sindku qal li ser jinforma lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex ikun nominat Ambaxxatur taż-żgħażagħ ġdid.

*2.* *Qari u Approvazzjoni tal-Minuti*

2.1 Il-Minuti 34/19 ttieħdu bħala moqrija

2.2 **Korrezzjoni tal-Minuti 34/19**

2.2.1 Minuta 3.1 - titneħħa l-frażi "fl-iskola Primarja" u ssir "fil-Kulleġġ".
2.2.2 Minuta 3.2 u Minuta 9.5 – titneħħa l-kelma "Dr" u ssir "Dott".
2.2.3 Minuta 3.4 – titneħħa l-frażi "għat-tfal tal-Milied " u ssir "tal-Milied għat-tfal" u titneħħa l-kelma "preżentat" u ssir "ippreżentat"
2.2.4 Minuta 3.6 – titneħħa l-kelma "nieħdu" u ssir "jittieħed" u titneħħa l-kelma "suġġerit" u ssir "ssuġġerita".
2.2.5 Minuta 4.3 – titneħħa l-kelma "Ms Sacco" u ssir "Sa Sacco".
2.2.6 Minuta 6 – titneħħa l-kelma "minn" u ssir "min-"

2.3 Il-Minuti tal-laqgħa ġew approvati unanimament.

**3. Affarijiet li jitqajmu mill-minuti**

**3.1** Minuta 3.2 – Is-Sindku nforma lill-membri li fil-laqgħa ma' Dr Pawlu Lia dwar il-parir legali fuq il-bini ta' appartamenti u garaxxijiet, ingħata l-istess parir bħal dak li kien tana l-perit tal-Kunsill.

**3.2** Minuta 3.4 – Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-kamra r-randikont finanzjarju tal-festin tat-tfal tal-Milied.

3.3 Minuta 3.5 – Is-Sindku nforma lill-membri li Twinning Project li sar f'Malta kien ta suċċess u rringrazzja lill-Viċi Sindku u s-Segretarju għall-organizzazjoni u lil Kunsilliera tal-parteċipazzjoni tagħhom.

Darren Carabott irrimarka li kien hemm nuqqas ta' feedback minn naħa tal-Kunsill għaċ-ċigward tal-preżenza tal-għaqdiet fil-workshops. Jonathan Brimmer irribatta billi sostna li s-Segretarju kien bagħat diversi ittri u sakansitra ġew organizzati laqgħat għal għaqdiet. Jason Mangani kkritika lir-rappreżentant tal-P.N. għax kass li d-diskors li ntqal ma kienx f'loku.

Is-Sindku kompla billi nforma lill-membri li t-*Twinning Project* li jmiss ser ikun ġewwa Lousa, il-Portugall bejn l-14 ta' Marzu 2015 u 18 ta' Marzu 2015. Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-persuni li ser jattendu huma:
Carabott Darren (Kunsillier), Mangani Jason (Kunsillier), Vella Elizabeth (Kunsillier), Catania Deamer Shawn, Romano Raymond, Cassar Edwin u l-*Project Leader* Annalisa Schembri.

3.4 Minuta 7(a) - Is-Sindku nforma lill-membri li jrid ikun approvat il-*performance bonus* bejn Jannar 2014 u Frar 2014 tal-Aġent Segretarju s-Sur Ranier Busuttil.

Is-Sindku qal li huwa tal-fehma li s-Sur Busuttil għandu jingħata 8% *performance bonus*.

Is-Sindku ippropona u ġie ssekondat mis-Sinjura Elizabeth Vella. Il-Membri qablu unanimament.

3.5 Minuta 7 (ċ) – Is-Sindku staqsa lill-membri jekk kienux qraw ir-Rapport Amministrattiv.

Is-Sur Anastasi rrimarka li ma kienx għadu qara r-Rapport Amministrattiv.

Is-Sur Carabott ġibed l-attenzjoni li fil-parti fejn tissemma' l-Attivita' tat-tberik tal-annimali jitniżżel li l-għaqdiet tal-lokal ippateċipaw f'din l-attivita'.

Is-Sindku ppropona l-approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv u ġie ssekondat mis-Sur Silvio Vella u l-kumplament tal-Membri qablu unanimament.

F'dan l-istadju (7.00pm) is-Sindku talab is-sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġi diskuss punt 7 ta' l-Agenda.

Il-Membri qablu unanimament

## 4. Ordnijiet tal-Ġurnata

### (a) Quarterly Report: minn Ottubru 2014 sa Diċembru 2014

Is-Sur Chris Farrugia spjega fid-dettal dan ir-rapport u wara diversi mistoqsijiet ġie approvat unanimament.

### (b) Rapport Finanzjarju Annwali

Is-Sur Chris Farrugia ppreżenta u spjega fid-dettal il-Financial u l-Annual Report li jrid jiġi ppreżentat sal-20 ta' Frar 2015.

Ir-rapport ġie approvat unanimament

F'dan l-istadju (fit-7.35pm) l-Accountant ġie skużat għall-kumplament tal-laqgħa.

### (ċ) Ċentru Ċiviku

Il-Perit Robert Sarsero spjega l-pjanti taċ-Ċentru Ċiviku fid-dettal lill-membri tal-Kunsill. Il-Perit tkellem wkoll fuq l-estimi tal-ispiża tal-proġett. Il-Perit Sarsero nforma lill-membri kollha li l-*costings* li ppreżenta huma biss estimi preliminari.

Is-Sur Anastasi staqsa lis-Sindku sabiex ikollu kopja tal-pjanti u tal-costings li ġew ippreżentati mill-perit waqt il-laqgħa. Is-Sindku nfurmah li dawn huma pubbliċi apparti li wara l-laqgħa jista' jagħmel kopja tagħhom.

Is-Sindku ppropona dan il-proġett u l-Viċi Sindku ssekondah filwaqt li l-kumplament tal-membri qablu unanimament.

Għaldaqstant is-Sindku nforma lill-membri li jista' jiskatta l-proċess tal-applikazzjoni tad-devoluzzjoni tal-art biswit il-Kunsill u talab lill-Perit sabiex japplika mall-MEPA għall-permessi neċessarji.

Il-Membri qablu unaninmament.

F'dan l-istadju (fit-8.15 pm) il-Perit ġie skużat għall-kumplament tal-laqgħa.

**Titkompla Punt 3 tal-Aġenda - Affarijiet li jitqajmu mill-minuti**

3.6 Minuta 9.1 – Is-Sindku nforma lill-membri li l-ftuħ uffiċċjali ta' Misraħ Santa Venera ser isir fit-3 ta' Mejju, 2015 fil-11 ta' filgħodu. Is-Sindku kompla billi qal li fadal ikun ordnat l-irħam ta' mal-

avveniment

pedestal. Is-Sindku ssuġġerixxa li għal dan l-avvenimnet nistiednu fost l-oħrajn lill-iScouts.Huwa kompla billi nfroma lill-membri li aktar dettalji ser jingħataw fil-laqgħa li jmiss.

3.7 Minuta 9.2 - Is-Sindku nforma lill-membri li l-First Aid Talk li saret illum ġewwa ċ-Centru ta' Matul il-Jum kienet suċċess.

## 5 Korrispondenza

5.1 Is-Sindku nforma lill-membri dwar korrispondenza li l-Kunsill irċieva mingħand l-ANSEK dwar il-premju Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku ppropona li jħoss li s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill għandu jiġi nominat minħabba x-xogħol li għamel. Il-Viċi Sindku ssekonda l-proposta. Il-proposta għaddiet b'sitt voti favur u vot tas-Sur Anastasi Kien kontra. (Astjena)

5.2 Is-Sindku nforma lill-membri dwar il-korrispondenza li l-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-ħlas ta' €20 għall-Performing Right Society għas-sena 2015.

Il-Membri qablu unanimament.

5.3 Is-Sindku nforma lill-membri dwar korrispondenza li l-Kunsill irċieva fuq il-Mayor's Prize – Science Art Contest fejn il-Kunsill Lokali ta' Santa Venera bħas-sena li għaddiet jippremja student mill-iskola Primarja ta Santa Venera. Il-preżentazzjoni ser issir fit-12 (28) ta' Marzu, 2015 ġewwa l-MCAST.

Il-Membri qablu unanimament

— Stet —

~~5.4 Is-Sindku rrimarka dwar il-ħlas tal-"Health Insurace" fejn kull membru tal-kunsill flimkien mal-impjegati jista' jissieheb bħal ma ġara fis-snin preċedenti. Is-Sindku kompla billi nforma lill-membri preżenti sabiex jimlew il-formola abbinata ma' din l-assigurazzjoni~~ — Stet — — Stet —

~~Il-Membri qablu unanimament.~~

5.5 ~~Is-Sindku tkellem fuq l-NSTF Science Expo 2015 u ssuġġerixxa sabiex nipparteċipaw kif konna għamilna s-sena l-oħra.~~

Il-Membri qablu unanimament.

## 6 Skeda ta' pagamenti: Approvazzjoni

6.1 Il-pagamenti flimkien mal-petty cash ġew diskussi w approvati unanimament mill-membri kollha.

6.2 Il-pagamenti b'konnesjoni mat-Twinning ġew diskussi w approvati unanimament mill-membri kollha.

## 7 Ilmenti

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 616 sa lment numru 650.

Id-deċiżjonijiet tagħhom huma dawn:

| | |
|---|---|
| 616 | Azzjoni ttieħdet |
| 617 | Contract Manager |
| 618 | Azzjoni ttieħdet |
| 619 | Transport Malta |
| 620 | Ħaddiema Assejnati |
| 621 | Central Asphalt – meta eventwalment induru Triq il-Kbira San Ġużepp |
| 622 | Azzjoni ttieħdet |
| 623 | Azzjoni ttieħdet |
| 624 | Azzjoni ttieħdet |
| 625 | Logo grafix |
| 626 | Azzjoni ttieħdet |
| 627 | Gwardjani Lokali |
| 628 | Azzjoni ttieħdet |
| 629 | Ħaddiema Assenjati |
| 630 | Azzjoni ttieħdet |
| 631 | Azzjoni ttieħdet |
| 632 | Koptasin |
| 633 | Azzjoni ttieħdet |
| 634 | Azzjoni ttieħdet |
| 635 | ~~Tiflaħ tibqa' hekk~~ ISSIR VERIFIKAZZJONI MAR-RESIDENT |
| 636 | Jiġi kkuntatjat min għamel l-ilment ħalli jispjega aħjar. |
| 637 | Gwardjani Lokali |
| 638 | Bħal ilment 621 |
| 639 | Perit tal-Kunsill |
| 640 | Koptasin |
| 641 | Azzjoni ttieħdet |
| 642 | Azzjoni ttieħdet |
| 643 | Applikazzjoni ma' Transport Malta sabiex issir meta titlesta Triq Misraħ il-Barrieri |
| 644 | Pulizija |
| 645 | Ħaddiema Assenjati |
| 646 | Koptasin |
| 647 | Contract Manager |
| 648 | Ħaddiema Assenjati |
| 649 | Ħaddiema Assenjati |
| 650 | Ħaddiema Assejnjati |

**8. Minuti ta' Kumitati / Sotto Kumitati**

Ġew ippreżentati l-minuti tas-seba' laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi liema laqgħa saret fl-20 t'Ottubru, 2014.

Ġew ippreżentati l-minuti tal-ħames laqgħa tas-sotto Kumitat tal-Kultura u l-Wirt Storiku liema laqgħa saret f' Ottubru, 2014.

**9. Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

9.1 Is-Sindku nforma lill-membri lil-Kunsill għandu 3 kwotazzjonijiet sabiex issir il-Mappa Turistika. Huwa rrimarka li dawn huma mingħand MAD Promotions € 4094.60, BED Ltd €4271.60 u Maltasigns €4366.

Fuq dawn il-kwotazzjonijiet is-Sindku ppropona li l-Kunsill għandu jmur għall-orħos kwotazzjoni jiġifieri tal-MAD Promotions. Il-Viċi Sindku ssekondah filwaqt li l-membri kollha qablu unanimament.

9.2 Is-Sindku nforma lill-membri li fuq inizjattiva tad-Dipartiment tas-Saħħa flimkien mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, l-vouchers POYC – Celiac qed jitqassmu mill-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill. Ġew identifikati 19 –il persuna li għandhom din il-kundizzjoni.

9.3 Is-Sindku qal lill-membri li l-Kunsill bħas-sena preċedenti rċieva komunikat mingħand l-Ghaqda tan-Nar 26 ta' Lulju sabiex b'kollabarazzjoni mall-Kunsill issir l-attivita tal-Eurovision. Wara diskussjoni kien hemm qbil sabiex dan l-avveniment issir fid-Dar Qalb ta' Ġesu'. Il-Kunsill ser ikopri l-kirja tas-sala u l-posters ta' din l-attivita'. L-ispiża ser tkun ta' madwar €250.

Il-Membri qablu unanimament.

9.4 Is-Sindku nforma lill-membri li għaddejjin taħdidiet ma' Transport Malta sabiex l-arblu tal-festa jerġa' jitpġoġġa fejn kien oriġinarjament. Dan minħabba l-fatt li peress li fejn qegħda fil-preżent hemm l-arblu tal-lampa li kull darba qed iqatta' l-bandiera tal-Kunsill.

9.5 Is-Sindku nforma lill-membri dwar il-kawża tal-Lidl li huwa ta' x-xiehda tiegħu fuq il-każ u ġie mitlub sabiex jippreżenta l-minuti tal-Kunsill li qed jirreferu għall-komunikat li sar waqt il-laqgħat tal-kunsill dwar it-tibdil tat-*Traffic Management*.

9.6 Is-Sindku qal li bħala preparazzjoni għall-festa ta' Santa Venera hemm il-bżonn li jinxtraw il-bollards minħabba l-fatt lis-sena l-oħra ħafna minn dawn il-bollards tkissru. F'dan il-ħin il-Kunsillier is-Sur Darren Carabott informa lis-Sindku sabiex tintbagħat *reminder* lil Transport Malta dwar it-tabella tat-Traffic Diversion mar-roundabout ta' Wignacourt għal żmien il-festa. Is-Sindku ~~nfurmah~~ li hemmhekk hemm bżonn ikun hemm il-preżenza tal-pulizija.

Żied Għandha tingħata l-attenzjoni wkoll dwar un "no service" mal-bus stops

Triq il-Kbira San Gużepp, Santa Venera SVR 1013.
TELEPHONE: (00356) 21491030 FAX: (00356) 21491664
Indirizz: santavenera.lc@gov.mt Sit elettroniku: http://www.santavenera.lc.gov.mt

9.7 Is-Sindku nforma lill-membri dwar talba fi Triq il-Kardinal Sciberras. Huwa qal lill-membri li kellha tittieħed azzjoni mmedjata minħabba każ ta' mard u għal dawn ir-raġunijiet saret talba lil TM sabiex temporanjament issir "Disabled Bay" għal tlett xhur. Din it-talba ġiet approvata minn TM. Is-Sindku nforma lill-membri b'każ simili fi Triq il-Ferrovija.

9.8 Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill dwar permess PA50/10 liema l-aħħar sett ta' pjanti kellhom jinġiebu mill-MEPA peress li fl-uffiċċju ma nstabux. Dan kien jittratta żvilupp fuq art tal-Gvern fi Triq il-Ferrovija. Is-Sindku għarraf lill-membri sabiex flimkien mal-perit dan il-proġett, flimkien mal-privat, jista' jiġi esplorat u jsiru t-tibdiliet meħtieġa li jkunu suġġetti għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Eventwalment issir ukoll applikazzjoni għad-devoluzzjoni tal-istess art.

Il-Membri qablu unanimament

**10. Aġġornament**

L-aġġornament tal-laqgħa ġie iffissat għal nhar it-Tnejn 23 ta' Marzu, 2015 fis-6.30 ta' filgħaxija b'aġenda li tkun ikkomunikata aktar tard.

Il-laqgħa ntemmet fid-9.30 ta' filgħaxija.

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati llum: 23/03/2015